32006D0699

L 287/36 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 18.10.2006

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-17 ta' Ottubru 2006

li temenda d-Deċiżjoni 2004/452/KE li tistabbilixxi lista ta' istituzzjonijiet li r-riċerkaturi tagħhom jistgħu jkollhom aċċess għal *data* kunfidenzjali għal għanijiet xjentifiċi

(notifikata bid-dokument numru C(2006) 4857)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2006/699/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 tas-17 ta' Frar 1997 dwar l-istatistika Komunitarja[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 831/2002 tas-17 ta' Mejju 2002 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 dwar l-Istatistika Komunitarja, li jikkonċerna l-aċċess għad-*data* kunfidenzjali għal għanijiet xjentifiċi[2] għandu l-għan li jistabbilixxi, bl-għan li jintlaħqu konklużjonijiet statistiċi għal skopijiet xjentifiċi, il-kondizzjonijiet li bihom l-aċċess għal *data* kunfidenzjali mgħoddija lill-awtorità tal-Kommunità jista' jingħata u r-regoli ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Komunità u l-awtoritajiet nazzjonali sabiex iseħħ dan l-aċċess.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/452/KE tad-29 ta' April 2004 li tistabbilixxi lista ta' istituzzjonijiet li r-riċerkaturi tagħhom jistgħu jkollhom aċċess għal *data*

[1] ĠU L 52, 22.2.1997, p. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

[2] ĠU L 133, 18.5.2002, p. 7. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1104/2006 (ĠU L 197. 19.7.2006, p. 3).

kunfidenzjali għal għanijiet xjentifiċi[3] stabbiliet lista ta' istituzzjonijiet li r-riċerkaturi tagħhom jistgħu jkollhom aċċess għal *data* kunfidenzjali għal għanijiet xjentifiċi.

(3) Iċ-Ċentru tas-Saħħa u l-Benessri (Centre of Health and Wellbeing - CHW) ta' Woodrow Wilson School of Public and International Affairs ġewwa Princeton University, New Jersey, fl-Istati Uniti ta' l-Amerika għandu jitqies bħala istituzzjoni li tissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa u għalhekk għandu jiżdied mal-lista ta' aġenziji u istituzzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 831/2002.

(4) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat dwar il-Konfidenzjalità ta' l-Istatistika,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni 2004/452/KE huwa ssostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 17 ta' Ottubru 2006.

Għall-Kummissjoni
Joaquin ALMUNIA
Membru tal-Kummissjoni

[3] ĠU L 156, 30.4.2004, p. 1, kif emendata bi ĠU L 202, 7.6.2004, p. 1. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Decision 2006/429/EC (OJ L 172, 24.6.2006, p. 17).

ANNESS

"ANNESS

ISTITUZZJONIJIET LI R-RIĊERKATURI TAGĦHOM JISTGĦU JKOLLHOM AĊĊESS GĦAL DATA KUNFIDENZJALI GĦAL GĦANIJIET XJENTIFIĊI

Bank Ċentrali Ewropew

Bank Ċentrali Spanjol

Bank Ċentrali Taljan

L-Università ta' Cornell (Stat ta' New York, Stati Uniti ta' l-Amerika)

Id-Dipartiment tax-Xjenza Politika, Baruch College, l-Università tal-Belt ta' New York (Stat ta' New York, l-Istati Uniti ta' l-Amerika)

Bank Ċentrali Ġermaniż

L-Unità ta' l-Analiżi ta' l-Impjieg, Direttorat Ġenerali għall-Impjieg, affarijiet soċjali u opportunitajiet indaqs tal-Kummissjoni Ewropea.

L-Università ta' Tel Aviv (Iżrael)

Bank Dinji

Iċ-Ċentru tas-Saħħa u l-Benessri (Centre of Health and Wellbeing - CHW) ta' Woodrow Wilson School of Public and International Affairs ġewwa Princeton University, New Jersey, fl-Istati Uniti ta' l-Amerika"